# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 83/2017**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Christian Xuereb**

Illum 16 ta' Novembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Christian Xuereb**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 275288(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer, nhar it-12 ta' Awwissu 2015 u fis-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. b'għemil żieni kkorrompa lil minuri **OMISSIS** ta' 17-il sena u **OMISSIS** ta' 14-il sena;

2. fl-istess lok, data u ċirkostanzi pparteċipa f'attivatijiet sesswali mal-minuri **OMISSIS** ta' 17-il sena u **OMISSIS** ta' 14-il sena, liema delitt huwa aggravat minħabba li seħħ fuq persuna vulnerabbli;

3. fl-istess lok, data u ċirkostanzi għamel jew ipproduċa jew ippermetta li jiġi magħmul jew prodott xi materjal indiċenti jew ipproduċa, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegħ, issupplixxa, ittrasmetta, għamel disponibbli, akkwista għalih innifsu jew għal ħaddieħor, jew wera dak il-materjal indeċenti ta' persuni taħt l-eta';

4. fl-istess data, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta' tal-minuri **OMISSIS**, **OMISSIS** u l-familji tagħhom u persuni oħra u sabiex mal-ewwel tapplika l-provedimenti ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tagħmel Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawtieli li l-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta' ta' **OMISSIS**, **OMISSIS** u l-familji tagħhom *ai termini* ta' Artikolu 383 *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Frar 2017, fejn il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tar-raba' (4) imputazzjoni u minnha lliberatu, wara li rat l-Artikoli tal-liġi ndikati mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tat-12 ta' Lulju 2016 u senjatament Artikoli 17, 18, 31, 203(1), 204C(1), 208 AC(1)(b), (2)(a), 208B u 208A(1), (2), (7) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni (in kwantu din hija riferibbli għall-minuri **OMISSIS**), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu tliet (3)

snin priġunerija. B'applikazzjoni ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni għall-perjodu ta' tliet (3) snin minn dakinhar tas-sentenza fejn il-persuni protetti huma **OMISSIS** u l-familjari tagħha. Sabiex tiġi protetta l-identita' tal-minuri konċernati, il-Qorti ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isimhom u ta' isem il-familji tagħhom fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni. Wara li rat Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex l-imputat jitniżżel fuq ir-Reġistru ndikat fl-imsemmi Att u għal dan il-għan ordnat li kopja tas-sentenza tiġi komunikata lill-imsemmi Reġistratur. B'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat sabiex sa żmien xahar minn meta jiġi hekk mitlub bil-miktub mir-Reġistratur tal-Qorti sabiex iħallas lill-istess Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' tlitt elef, mija u tlieta u sebgħin Euro u sittin ċenteżmu (€3,173.60) liema ammont jirrappreżenta l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' esperti f'dan il-każ.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-22 ta' Frar 2017 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-sittax (16) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017), f'dik il-parti fejn sabet ħtija, senjatament fejn l-Onorabbli Qorti infliġġiet il-piena ta' priġunerija effettiva ta' tlett (3) snin u minflok tirriformaha billi tagħti piena ta' sentenza mhux karċerarja jew piena anqas ħarxa skont iċ-ċirkostanzi li jirriflettu dana l-każ u għaldaqstant piena idoneja, ekwa u ġusta skont il-liġi, kif ukoll tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn ġew addebitati lill-appellant l-ispejjeż tal-esperti maħtura u jekk se mai jiġi deċiż li dawn l-ispejjeż għandu jinkorrihom l-appellant tvarjaha in kwantu jiġi deċiż terminu fejn l-appellant ikun jista' jagħmel pagamenti mensili preferibilment sa massimu ta' €100 fix-xahar filwaqt li tikkonferma dawn il-kapi fejn l-imputat ma nstabx ħati."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-16 ta' Frar 2017.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant iressaq is-segwenti tliet aggravji:

- l-ewwel aggravju huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, liema piena l-appellant jgħid li hija sproporzjonata għaċ-ċirkostanzi tal-każ;

- it-tieni aggravju huwa dwar l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti li jingħad li kien wieħed selettiv, parzjali u inkomplet;

- it-tielet aggravju huwa dwar l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti.

Illi l-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji hawn fuq imsemmija b'dan illi hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-tieni

aggravju mbagħad tgħaddi għall-ewwel aggravju u fl-aħħar tikkunsidra t-tielet aggravju.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti njorat il-mod kif oħt il-minuri **OMISSIS** wżat strataġemmi biex tislet l-informazzjoni minn għandu u li wara kollox qatt ma xehdet. L-appellant jgħid li hu ma kellux intenzjoni żienja għaliex hu xtaq jibni relazzjoni mal-minuri. Jgħid li din kienet waħda konsenswali u li kienet il-minuri stess li qaltlu biex imur id-dar tagħha meta kienet taf li ommha u missieru ma kinux hemm. Jgħid li saħansitra ssuġġeriet kif isir is-sess biex ma tinqabadx tqila. L-appellant jgħid li kien nieqes l-element dwar għemil żieni. Jisħaq li l-Ewwel Qorti naqset li tikkunsidra l-elementi ta' għemil żieni, l-eta' tal-vittma, u l-korrużżjoni ta' persuna. Jisħaq li dan ma kienx każ ta' priġunerija effettiva.

Illi qabel tipproċedi ulterjoment din il-Qorti tinnota li jkun opportun li tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-

> Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, l-Ewwel Qorti sabet lill-imputat ħati tagħha salv li din hija riferibbli lil minuri **OMISSIS**. Din il-Qorti eżaminat l-atti proċesswali kollha. Meta xehdet **OMISSIS** hija qalet li kienet ilha taf lill-appellant allura imputat madwar disa' xhur jew minn Marzu 2015. Tgħid li kien hu li talabha ssir *friend* permezz ta' *Facebook*. Tgħid ukoll li darba kien talabha bewsa u hi tatu bewsa fuq ħaddejh waqt li hu qabdilha parti minn ġisimha u hi ħallietu. Semmiet ukoll meta marru fuq sufan u bdew jitbewsu u l-appellant qam u niżżel il-qalziet u ħareġ il-parti tiegħu u qalilha biex terdagħhulu u hi rrifjutat. Tgħid li wassalha bil-vettura u reġgħu bdew jitbewsu u hu għamlilha dak li hija ssejjaħ bħala *"finger fuck"* (*a fol.* 50). Tgħid li wara xi ġranet marru lejn Ħal Farruġ u *"erdajtulu"* (*a fol.* 50) u hu għamlilha *"finger fuck"* (*a fol.* 51). Hija qalet lill-Ewwel Qorti li qatt ma kienet għamlet dawn l-affarijiet ma' ħaddieħor qabel u li l-appellant kien l-ewwel wieħed. Tispjega li darba oħra l-ġenituri tagħha kellhom tieġ u hi qalet lill-appellant biex imur id-dar peress li kienet ser tkun waħidha u tgħid li kellhom x'jaqsmu flimkien minn wara u li hi kienet qaltlu biex l-att ma jsirx minn quddiem biex ma tinqabadx tqila. Tgħid li l-appellant ma kienx iħobb jilbes protezzjoni. Tgħid li wara kellhom x'jaqsmu flimkien darb'oħra. Qalet ukoll li kienu ntbagħtu xi ritratti b'nuqqas ta' ħwejjeġ. Hi kienet tgħidlu li tħobbu u hu kien

---

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

jgħidilha li jħobbha. Tgħid li l-appellant kien talabha ritratt tal-parti privata tagħha. Fil-kontro-eżami **OMISSIS** qalet li riedet li jkollha relazzjoni ta' *boyfriend* u *girlfriend* mal-imputat. Qalet li kienet irċeviet ċerti ritratti minn għandu wkoll. Għal kull buon fini jingħad li dwar ir-ritratti hemm ir-relazzjoni tal-Espert Tekniku Kurt Mahoney.

Illi jirriżulta li kien l-appellant li talab lill-minuri sabiex tbusu fuq xofftejh. Huwa tassew li l-minuri qaltlu biex imorru d-dar tal-familja għaliex ommha u missierha ma kinux hemm. Jingħad li kienu reġgħu marru l-Wied u l-minuri ssuġġeriet kif isir is-sess biex ma tinqabadx tqila. Mill-istqarrija jirriżulta li l-appellant kien jaf li l-minuri in kwistjoni kellha erbatax (14)-il sena u kien jaf ukoll li kienet għadha verġni. Jirriżulta wkoll li kienet qaltlu fuq *Facebook* li ma riditx tagħmel ċerta affarijiet miegħu għax kienet għadha żgħira u hu kkonferma li kien qalilha li kien ser jgħallimha kollox. Kellu x'jaqsam magħha darbtejn u l-ewwel draba kien f'April 2015.

Illi dwar l-aggravju in eżami l-appellant jissottometti li kien hemm element nieqes – l-għemil żieni. Ikun opportun li din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta f'sentenza tat-8 ta' Jannar 1996 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Thomas Wiffen** dwar l-element materjali ta' dan ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u ċioè:

> *"For the completed offence, and apart from the formal element of the offence, there must be the lewd act ("atto di libidine") and the actual defilement. The lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which either of their very nature or of the circumstances in which they are performed are directed to the indulgence of the sexual appetite either of the agent or of the victim and are capable of arousing the sexual interest of the victim, are lewd acts for the purposes of the offence in question. Francesco Carfora, writing in the Digesto Italiano in connection with Section 335 of the Zanardelli Code (which provision, as far as the elements of the offence are concerned, was identical to our*

> *Section 203) has this to say as regards the notion of "lewd acts".*
>
> *"Atti di libidine debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo completo della libidine. Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine, specie in ordine al bacio, del quale lungamente si occupa il Carrara, noi rileveremo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di una certa entita' e tali da aver rapporto prossimo é diretto colle funzioni sessuali" (Vol. VIII, parte 3, p. 967).*
>
> *Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propia concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts."*

Illi dwar ir-rekwiżit tal-korruzzjoni *per se* l-istess Qorti tal-Appell fl-imsemmija sentenza qalet hekk:

> *"As to the requirement of actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge -- the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases -- taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts. Appellant, in his application, states that in order that one can speak of actual defilement "at least the curiosity or the interest*

*of the minor should have been aroused", so that "if the minor is already strong-willed enough and rejects even the least advance by the offender" then, always according to appellant, there is no actual defilement. Now, whereas the minor's reaction is a fact to be taken into account, it is not the sole criterion, nor indeed the most important criterion, of whether or not there has been actual defilement. The defilement may be actual but its effects delayed. As Sir Anthony Mamo points out in his Notes on Criminal Law:*

*"For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed, according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is a reason for aggravating the crime" (p. 226).*

*[..] In other words if the acts in question are lewd acts in the sense above defined, that is are apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then, in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by those acts -- for example, because he or she was, to some degree, already depraved -- whoever has to judge the facts may reasonably conclude that there was actual or effective defilement."*

Illi meħuda in konsiderazzjoni l-insejamenti hawn fuq ikkwotati jirriżulta li fil-każ odjern l-atti żienja żgur li jirriżultaw mis-sommarju tal-fatti msemmi aktar 'il fuq. Dan jingħad ukoll jekk il-"vittma" tkun qed tieħu sodisfazzjon sesswali. Ukoll jekk kienet il-minuri li ssuġġeriet li jmorru fid-dar tal-familja u l-mod ta' kif isir l-att xorta jibqgħu atti żienja li għalihom jibqa' responsabbli l-appellant. B'żieda ma' dan, din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta wkoll is-segwenti:

- l-appellant beda jħajjar lill-minuri biex twettaq ċerti atti miegħu;

- il-minuri qatt ma kienet għamlet dawn l-atti qabel;
- il-minuri kellha biss erbatax (14)-il sena fi żmien meta seħħew l-atti waqt li l-appellant kellu sebgħa u għoxrin (27) sena jew kważi d-doppju tas-snin; u
- l-appellant kien jaf l-eta' tal-minuri.

Illi anke jekk seta' kien hemm xi xrara ta' mħabba, li din il-Qorti tiddubita, din ma tiżkużax lill-appellant minn dak li għamel. Tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, it-tieni aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju hu limitat għall-piena erogata mill-Ewwel Qorti. L-appellant isostni li għalkemm l-Ewwel Qorti qalet li fiċ-ċirkostanzi kien jidhrilha li timponi piena karċerarja effettiva, anke jekk mhux fil-massimu, hija tat il-massimu tal-piena skont il-piena li kien iġorr miegħu Artikolu 203(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta meta twettaq ir-reat. Jisħaq li ma jikkonkorri l-ebda wieħed mill-elementi ta' Artikolu 203(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-piena setgħet tiġi miżjuda. Jisħaq ukoll li għalhekk l-Ewwel Qorti applikat terminu ta' priġunerija fil-massimu minkejja li kienet qalet li ma kinitx ser tagħmel hekk.

Illi fl-aggravju in eżami l-appellant isostni wkoll li l-piena nflitta fil-konfront tiegħu hija sproporzjonata peress li hu qatt ma sforza ruħu fuq il-minuri u li dina l-istess minuri minn jeddha u in piena fakolta' mhux talli tat il-kunsens tagħha imma kienet kompartecipi fl-atti kollha mwettqa bejniethom u ssuġġeriet li jkollhom x'jaqsmu analment sabiex ma tinqabadx tqila. Skont l-appellant li kieku ma spiċċax fin-nassa li kienet għamlitlu oħt il-minuri, huwa u l-minuri kien ikollhom relazzjoni ta' *boyfriend* u *girlfriend*. Jgħid li huwa kkoopera bis-sħiħ mal-Pulizija u ammetta mal-ewwel li kienu saru atti sesswali mal-minuri. Jikkwota sentenza mogħtija mill-Qorti u jisħaq li l-piena għandha tingħata skont iċ-ċirkostanzi tal-każ in kwistjoni u li għaldaqstant il-fatti

kif seħħew kellhom ikunu ta' gwida sabiex tingħata l-piena idonea skont iċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha."

Illi filwaqt li din il-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u tagħmlu tagħha, tinnota li fil-każ odjern l-atti in kwistjoni saru aktar minn darba u jirriżulta li l-Ewwel Qorti applikat Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tant li dan jirriżulta mniżżel fid-*decide* tas-sentenza appellata. Apparti minn dan, jirriżulta wkoll li l-appellant kien akkużat b'żewġ imputazzjonijiet oħra li tagħhom huwa nstab ħati.

Illi meħud in konsiderazzjoni tal-pieni kif kienu fir-rigward tal-imputazzjonijiet in kwistjoni u liema pieni għandhom japplikaw fil-konfront tal-appellant għandu jirriżulta li l-Ewwel Qorti kkalibrat il-piena ġustament u li hija fl-ebda mument ma tat il-massimu tal-piena kif jgħid l-appellant!

Illi din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-assiem tal-provi kollha prodotti u ħadet in konsiderazzjoni wkoll tal-piena li kellha tingħata skont il-liġi fir-rigward ta' sejbien ta' ħtija fir-rigward ta' dak li l-appellant ġie misjub ħati tiegħu mill-Ewwel Qorti. Meħud

in konsiderazzjoni dan kollu u dak li ngħad aktar 'il fuq, din il-Qorti tinnota li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma għandhiex tiġi varjata. Għaldaqstant anke l-ewwel aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tielet aggravju tal-appellant huwa dwar il-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-esperti. L-appellant jagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-14 ta' Marzu 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Xuereb** (Numru 310/2010) fejn din il-Qorti eżaminat Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kkonkludiet li l-ispejjeż tal-esperti jitħallsu biss jekk il-każ jinbeda mill-Pulizija *ex officio*. L-appellant jgħid li f'dan il-każ kienet meħtieġa l-kwerela tal-parti u li għalhekk l-ispejjeż mhumiex dovuti minnu.

Illi fis-sottomissjonijiet bil-fomm li saru quddiem din il-Qorti diversament preseduta, l-avukat mill-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali qal hekk (*a fol.* 362):

> "'[..F]ir-rigward tat-tielet aggravju fejn għandu x'jaqsam il-ħlas tal-ispejjeż peritali minn issa qed nissottomettu li ma noġġezzjonawx għall-aggravju stante l-fatt li l-liġi hija ċara meta tgħid li dawn l-ispejjeż jistgħu jiġu ordnati mill-Qorti biss meta l-proċeduri jiġu inizjati mill-Pulizija *ex officio*. Li meta wieħed jagħmel riferenza għall-atti tal-każ kif ukoll għas-sentenza jidher biċ-ċar li dawn il-proċeduri ġew inizjati fuq il-kwerela tal-parti. Jiġifieri fuq it-tielet aggravju ma hemm l-ebda kontestazzjoni."

Illi din il-Qorti tinnota li Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitkellem dwar kawża li ssir mill-Pulizija *ex officio*. B'Att Numru XXVIII tas-sena 2021 żdied f'każ li l-kawża ssir mill-Avukat Ġenerali wkoll. B'żieda ma' dan, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Godwin Agius** (Numru 406/2012) mogħtija fid-9 ta' Jannar 2013, fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "12. Dwar ir-raba' aggravju, m'hemmx dubju illi l-Perit Mario Cassar ġie nominat fiż-żewġ kawżi li kienu qegħdin jinstemgħu kontestwalment, u ċioè kemm dik kontra l-appellant kif ukoll dik kontra George Desira. Issa, l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:
>
> [...]
>
> 13. F'dan il-każ jirriżulta li l-kawża ma tmexxietx mill-Pulizija *ex officio* iżda permezz ta' kwerela li l-Avukat Dottor Josette Grech bagħtet lill-Pulizija għan-nom ta' George Desira [...]. Għalhekk l-appellant ma kellux jiġi kkundannat għall-ispejjeż peritali għax il-liġi titkellem ċar f'dar-rigward. Ara f'dan is-sens is-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Abdilla** mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Jannar 2008 u s-sentenza **Il-Pulizija v. Josephine Bartolo et** mogħtija fit-2 ta' Lulju 2008."

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fis-6 ta' Frar 2014 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v.s Mario Azzopardi** (Numru 33/2010) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "[...i]r-reati l-oħra kienu proċedibbli biss bil-kwerela tal-parti offiża u għalhekk l-appellant ma setax ikun ikkundannat għall-ħlas tal-ispejjeż.[2]"

Illi peress li dan il-każ inbeda fuq kwerela b'hekk, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, it-tielet aggravju qed ikun milqugħ.

[2] "Ara, per eżempju, Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Abdilla**, 28 ta' Jannar 2008; **Il-Pulizija v. Grezzju Camilleri**, 27 ta' Ottubru 2010."

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Christian Xuereb u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellant ħati tar-raba' (4) imputazzjoni u li ġie liberat minnha;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni (in kwantu din hija riferibbli għall-minuri **OMISSIS**), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u fejn ikkundannatu tliet (3) snin priġunerija;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn b'applikazzjoni ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni għall-perjodu ta' tliet (3) snin li għandu jibda jgħaddi millum fejn il-persuni protetti huma **OMISSIS** u l-familjari tagħha;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabiex tiġi protetta l-identita' tal-minuri konċernati ġie ordnat d-divjiet tal-pubblikazzjoni ta' isimhom u ta' isem il-familji tagħhom fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn, wara li rat Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali ġie ordnat sabiex l-appellant jitniżżel fuq ir-Reġistru ndikat fl-imsemmi Kapitolu u b'hekk kopja ta' din is-sentenza għandha tiġi komunikata lill-imsemmi Reġistratur;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-appellant ġie kkundannat sabiex iħallas lir-Reġistratur tal-

Qorti s-somma ta' tlitt elef, mija u tlieta u sebgħin Euro u sittin ċenteżmu (€3,173.60).

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**